



Brussell, 30 ta' Marzu 2023
(OR. en)

7650/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0126(APP)**

**EJUSTICE 11
JURINFO 3
INF 56
JUR 216**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	11529/1/22 REV 1, 11750/1/REV 1 9159/20
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' <i>Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea</i> - Ftehim fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-22 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Id-delegazzjonijiet għamlu kummenti bil-miktub matul il-ħarifa tal-2020.
3. It-test imbagħad ġie diskuss fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġiżlazzjoni Elettronika (Leġiżlazzjoni Elettronika) fis-17 ta' Diċembru 2020.
4. Wara r-rimarki mill-Istati Membri, it-test kellu jiġi riformulat matul l-2021 u l-2022.

5. Id-delegazzjonijiet ikkonfermaw il-qbil tagħhom dwar it-test rivedut fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ġustizzja elettronika fil-15 ta' Frar 2023. Ir-riżervi ta' skrutinju li kien hemm tneħħew kollha.
6. It-test għadda minn reviżjoni mill-ġuristi lingwisti tal-Kunsill. It-test li rriżulta jinsab fid-dokument 6551/23.
7. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Coreper/Kunsill huwa mistieden:
 - a) jaqbel fil-prinċipju dwar ir-Regolament propost, kif jinsab fid-dokument 6551/23, soġġett għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew;
 - b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz tat-test tar-Regolament kif jinsab fid-dokument 6551/23 lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 352 TFUE.
